MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 69/2010

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited C 8692**

**Vs**

**Rosaria Gauci**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, seba' mija u disghin Ewro (€3,790.00) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lill-konvenuta, liema somma l-konvenuta baqghet ma hallsitx minkejja diversi interpellanzi, fosthom bl-ittra ufficjali datata 27 ta' Novembru 2009.

Bl-interessi legali u bl-ispejjes legali, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Novembru 2009, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru prezentat mal-avviz kontra l-intimata li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fit-8 ta' Novembru 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €3,790.00 bl-imghaxijiet legali mis-27 ta' Novembru 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Novembru 2009 u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tat-3 ta' Marzu 2010

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------